

**Appell ippreżentat fl-14 ta' April 2016 mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Id-Disa'Awla) fl-4 ta' Frar 2016, fil-Kawża T-620/11, GFKL Financial Services AG vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-209/16 P)**

(2016/C 222/07)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Appellanti: Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: T. Henze u R. Kanitz, aġenti)

Partijiet oħra fil-proċedura: GFKL Financial Services AG, Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-4 ta' Frar 2016 fil-Kawża T-620/11, sa fejn din tiċħad bħala infondat ir-rikors,
- tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tas-26 ta' Jannar 2011, K(2011)275 finali, fil-proċedura "Għajnuna mill-Istat C 7/10 – KStG [Körperschaftsteuergesetz, liġi dwar it-taxxa fuq persuni ġuridiċi] 'Sanierungsklausel' [klawżola ta' ristrutturazzjoni]" skont l-Artikolu 61(1) tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja.
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż sostnuti quddiem il-Qorti Ġenerali u quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Insostenn tal-appell, l-appellanti tressaq aggravju uniku.

Jirriżulta ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE. Il-Qorti Ġenerali naqset milli tikkunsidra li l-Artikolu 8c(1a) tal-KStG, l-imsemmija klawżola ta' ristrutturazzjoni, ma huwiex selettiv.

- L-imsemmija klawżola ta' ristrutturazzjoni ma hijiex *prima facie* ta' natura selettiva, peress li ma hemm ebda deroga mis-sistema ta' riferiment rilevanti u peress li din tikkostitwixxi miżura ġenerali, li tista' tagħti vantaġġi lil kwalunkwe impriża fit-territorju tal-Istat Membru.
- L-imsemmija klawżola ta' ristrutturazzjoni hija, barra minn hekk, iġġustifikata min-natura u mill-istruttura interna tas-sistema fiskali. Il-klawżola ta' ristrutturazzjoni hija ġġustifikata, fl-ewwel lok, mill-prinċipju ta' impożizzjoni ta' taxxa skont il-kapaċità kontributtiva, fit-tieni lok, mill-ġlieda kontra l-abbużi, jiġifieri mill-prevenzjoni ta' tranżazzjonijiet frawdolenti u, fit-tielet lok, mid-differenzi oġġettivi bejn akkwist ta' ishma dannuż u akkwist ta' ishma intiż għar-ristrutturazzjoni.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Court of Appeal (England & Wales) (Civil Division) (ir-Renju Unit) fit-18 ta' April 2016 – C. King vs The Sash Window Workshop Ltd, Richard Dollar**

**(Kawża C-214/16)**

(2016/C 222/08)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Qorti tar-rinviju**

Court of Appeal (England & Wales) (Civil Division)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: C. King

Konvenuti: The Sash Window Workshop Ltd, Richard Dollar

**Domandi preliminari**

1. Fil-każ ta' tilwima bejn ħaddiem u persuna li timpjega dwar jekk il-ħaddiem huwiex intitolat għal leave annwali bi ħlas skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 <sup>(1)</sup>, huwa kompatibbli mad-dritt tal-UE, u b'mod partikolari mal-prinċipju ta' rimedju effettiv, il-fatt li l-ħaddiem ikollu l-ewwel jieħu l-leave qabel ma jkun jista' jstabbilixxi jekk huwiex intitolat li jitħallas?
2. Fil-każ li l-ħaddiem ma jhux il-leave annwali kollu jew parti minnu li għalih huwa intitolat fis-sena ta' leave meta kwalunkwe dritt għandu jiġi eżerċitat, f'ċirkustanzi fejn huwa ma jagħmilx dan biss minħabba l-fatt li l-persuna li timpjegah tirrifjuta li tħallsu għal kwalunkwe perijodu ta' leave li huwa jieħu, il-ħaddiem jista' jsostni li huwa prekluż mill-iżerċita d-dritt tiegħu għal-leave bi ħlas b'mod li d-dritt jiġi rrimandat sakemm huwa jkollu l-possibbiltà li jeżerċitah?
3. Fil-każ li d-dritt jiġi rrimandat, dan isir għal żmien indefinit jew hemm perijodu limitat għall-eżerċizzju tad-dritt rimandat b'analoġija mal-limitazzjonijiet imposti meta l-ħaddiem ma jkunx jista' jeżerċita d-dritt għal-leave fis-sena tal-leave rilevanti minħabba mard?
4. Jekk ma jkunx hemm dispożizzjoni statutorja jew kuntrattwali li tispeċifika perijodu tal-leave rimandat, il-qorti hija obbligata li timponi limitu għall-perijodu tal-leave rimandat sabiex jiġi żgurat li l-applikazzjoni tar-Regolamenti ma tfixkilx l-għan tal-Artikolu 7?
5. Jekk iva, iż-żmien ta' 18-il xahar wara t-tmiem tas-sena tal-vaganzi li fiha akkumula l-leave huwa kompatibbli mad-dritt tal-Artikolu 7?

<sup>(1)</sup> Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-4 ta' Novembru 2003, li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 381).

**Talba għal deċizzjoni preliminari mressqa mill-Efeteio Athinon (il-Greċja) fit-18 ta' April 2016 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Dimos Zagori**

**(Kawża C-217/16)**

(2016/C 222/09)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

**Qorti tar-rinviju**

Efeteio Athinon

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea

Konvenut: Dimos Zangrou